

Brussell, 22 ta' Jannar 2026
(OR. en)

Fajls Interistituzzjonali:
2026/0011 (COD)
2026/0012 (COD)

5611/26
ADD 2

CYBER 29
JAI 85
DATAPROTECT 22
TELECOM 29
MI 58
IND 48
CADREFIN 26
FIN 100
BUDGET 3
CODEC 90

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Jannar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2026) 12 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA), il-qafas Ewropew taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà, u s-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT u li jħassar ir-Regolament (UE) 2019/881 (L-Att dwar iċ-Ċibersigurtà 2) u Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2022/2555 fir-rigward tal-miżuri tas-simplifikazzjoni u l-allinjament mal-[Proposta għall-Att dwar iċ-Ċibersigurtà 2]

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument SWD(2026) 12 final.

Mehmuż: SWD(2026) 12 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 20.1.2026
SWD(2026) 12 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA), il-qafas Ewropew taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà, u s-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT u li jħassar ir-Regolament (UE) 2019/881 (L-Att dwar iċ-Ċibersigurtà 2)

u

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2022/2555 fir-rigward tal-miżuri tas-simplifikazzjoni u l-allinjament mal-[Proposta għall-Att dwar iċ-Ċibersigurtà 2]

{COM(2026) 11 final} - {SEC(2026) 11 final} - {SWD(2026) 11 final}

Sommarju Eżekuttiv tal-Valutazzjoni tal-Impatt

Objettiv

Din il-valutazzjoni tal-impatt qed issir bl-objettiv primarju li tevalwa l-adeqwatezza tar-regolamenti attwali f'li jindirizzaw it-theddid għaċ-ċibersigurtà li tant qed jevolvi madwar l-UE. Tipproponi sett integrat ta' alternattivi ta' politika maħsuba biex isaħħu lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA), jirrifurmaw il-Qafas Ewropew taċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà (ECCF) u jissimplifikaw il-konformità mal-qafas leġiżlattiv eżistenti dwar iċ-ċibersigurtà. Din il-valutazzjoni tenfasizza l-importanza ta' modulazzjoni tal-governanza ċibernetika ħalli tkun armonizzata mal-avvanzi teknoloġiċi u d-domandi tas-suq, filwaqt li tkun żgurata l-kompetittività u jitqiesu l-impatti ambjentali.

Dikjarazzjoni tal-Problema

Minkejja l-isforzi eżistenti, ix-xenarju taċ-ċibersigurtà tal-UE għadu qed iġarrab sfidi sinifikanti f'kuntast ta' theddid dejjem aktar kumpless. In-nuqqas ta' koordinazzjoni biżżejjed bejn l-Istati Membri u atturi oħra fil-livell tal-UE, il-waqfien fl-implimentazzjoni ta' għodod ta' politika, u l-bosta ostakli regolatorji u l-kumplessità qed ixekklu l-ġestjoni effiċjenti taċ-ċibersigurtà. Dawn il-kwistjonijiet jikkaġunaw aktar kostijiet għan-negozji u l-awtoritajiet pubbliċi, u jżidu r-riskji ta' inċidenti ċibernetiċi, u inkonsistenzi fil-livelli ta' protezzjoni liċ-ċittadini.

Ġustifikazzjoni għal Azzjoni tal-UE

It-theddid għaċ-ċibersigurtà jmur lil hinn mill-fruntieri nazzjonali; u għalhekk rispons sod għalih jeħtieġ approċċ unifikat. Intervent fil-livell tal-UE jiżgura protezzjoni konsistenti, itejjeb il-kompetittività billi jipprovi kundizzjonijiet ekwi, u jiffaċilita l-moviment liberu tas-servizzi u l-prodotti diġitali fis-Suq Uniku. Armonizzazzjoni fil-livell tal-UE tnaqqas ukoll il-piżijiet amministrattivi b'konformità simplifikata u bi proċeduri simplifikati.

Għażliet ta' Politika u l-Għażla Preferuta

Dan ir-rapport janalizza erba' oqsma ta' intervent, il-koll b'sett ta' għażliet ta' politika kkunsidrati fid-dawl tal-objettivi speċifiċi li jridu jintlaħqu: (1) il-mandat tal-ENISA (parti wkoll mis-CSA attwali); (2) l-ECCF (parti wkoll mis-CSA attwali); u (3) emendi mmirati għad-Direttiva NIS2 u maħsuba biex jissimplifikaw, filwaqt li huma interkonnessi wkoll mal-mandat tal-ENISA u l-ECCF. Dawn is-settijiet ta' għażliet huma wkoll oqsma ta' intervent waħedhom, u fl-istess ħin huma interkonnessi u rilevanti għal xulxin.

Għażliet li jindirizzaw l-allinjament ħażin tal-qafas ta' politika tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà u l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati f'ambjent dejjem aktar ostili

Għażla A.1: *Niċċaraw il-mandat tal-ENISA u nipprevedu prijoritizzazzjoni* – Din l-għażla tiżgura qafas ċar u stabbli għall-kompiti tal-ENISA billi tinkorpora l-kompiti li hemm stabbiliti f'biċċiet ta' leġiżlazzjoni oħrajn.

Għażla A.2: *Nirrifurmaw il-mandat tal-ENISA* – Din l-għażla tħassar u tissostitwixxi s-CSA, u tipprovi reviżjoni tal-mandat tal-Aġenzija.

Għażla A.3: *Nirriformaw il-mandat tal-ENISA b'enfasi qawwija fuq l-appoġġ operazzjonali* – Din l-għażla tibni fuq l-Għażla A.2. Barra minn hekk, l-ENISA tiżviluppa kapaċitajiet biex tappoġġa lill-entitajiet tad-Direttiva NIS 2 direttament huma u jirrispondu għal inċident taċ-ċibersigurtà u huma u jirkupraw minn inċident taċ-ċibersigurtà, wara talba mingħand l-Istat Membru.

Għażliet għall-Qafas Ewropew taċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà

Għażla B.1: *Niċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni, l-elementi u l-oġġettivi tal-ECCF u nintroduċu mekkaniżmu tal-manutenzjoni* – Din l-għażla se tipprevedi mekkaniżmu ġdid tal-manutenzjoni tal-iskemi, wara l-adozzjoni tagħhom, li jrid isir mill-ENISA.

Għażla B.2: *Nirriformaw l-ECCF billi nirrevedu l-proċeduri tagħha u nwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni ħalli niffaċilitaw is-simplifikazzjoni tal-konformità regolatorja* – F'din l-għażla, is-CSA jitħassar u jinbidel b'regolament ġdid. Minbarra l-Għażla B.1, tiġi riveduta l-proċedura relatata mat-talba, l-iżvilupp u l-adozzjoni tal-iskemi biex jittejbu r-responsabbiltà u l-effiċjenza.

Għażla B.3: *Nirriformaw l-ECCF kif previst skont l-Għażla B.2 u ndaħħlu ċertifikazzjoni obbligatorja għall-pożizzjoni ċibernetika* – Din l-għażla tibni fuq l-Għażla B.2, iżda maħsuba biex tkompli ssaħħaħ l-impatt tal-qafas billi tintroduċi ċertifikazzjoni obbligatorja għall-entitajiet essenzjali koperti mid-Direttiva NIS2 filwaqt li tqis xenarji tar-riskju speċifiċi, minflok ma tistrieħ biss fuq iċ-ċertifikazzjoni volontarja tal-entitajiet.

Għażliet għas-Simplifikazzjoni

Għażla C.1: *Inħaddmu approċċ ta' liġi mhux vinkolanti u ta' strumenti mhux leġiżlattivi, inkluż li nużaw setgħat eżistenti (l-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 21(5) u l-Artikolu 23(11) tad-Direttiva NIS 2e)* – Din l-għażla tipprevedi l-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni skont is-setgħat eżistenti tad-Direttiva NIS2 biex ikun żgurat livell oġġla ta' armonizzazzjoni tal-miżuri tal-ġestjoni tar-riskji taċ-ċibersigurtà, limiti għar-rapportar tal-inċidenti, kif ukoll informazzjoni, formati u proċeduri għan-notifiki, flimkien mal-adozzjoni ta' sett ta' linji gwida li jżid iċ-ċertezza legali u l-implimentazzjoni armonizzata.

Għażla C.2: *Intervent immirat – inkompli nissimplifikaw il-konformità mal-qafas leġiżlattivi rilevanti tal-Unjoni dwar iċ-ċibersigurtà* – Din l-għażla tinvolvi intervent limitat b'bidliet fis-CSA u fid-Direttiva NIS2 li jkunu maħsuba biex jissimplifikaw aspetti speċifiċi tal-qafas taċ-ċibersigurtà, inkluż adattamenti tal-kamp ta' applikazzjoni, armonizzazzjoni massima għall-atti ta' implimentazzjoni, prova tal-konformità biċ-ċertifikazzjoni, u l-adozzjoni tas-sett ta' linji gwida kif previst fl-Għażla C.1.

Għażla C.3: *Narmonizzaw il-miżuri relatati maċ-ċibersigurtà stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni* – Din l-għażla tibni fuq l-Għażla C.2 u tneħħi l-miżuri kollha tal-ġestjoni tar-riskji taċ-ċibersigurtà jew is-setgħat relatati ma' daww inklużi fil-leġiżlazzjoni settorjali. Minflok, tiġi emendata l-ekosistema tad-Direttiva NIS2 biex tkun tipprevedi rekwiżiti simplifikati għat-tipi kollha tal-entitajiet, filwaqt li b'dak il-mod tiżgura armonizzazzjoni akbar.

Għażliet għas-Sigurtà tal-Katina tal-Provvista tal-ICT

Għażla D.1: *Inħaddmu approċċ ta' liġi mhux vinkolanti biex nindirizzaw ir-riskji taċ-ċibersigurtà għall-ktajjen tal-provvista tal-ICT* – Din l-għażla ma tippredix intervent regolatorju fil-livell tal-UE. Minflok, il-Kummissjoni żżid l-għadd tal-valutazzjonijiet tar-riskju kkoordinati u tas-settijiet tal-għodod volontarji.

Għażla D.2: *Intervent regolatorju ad hoc li jikkodifika s-Sett ta' Għodod tal-5G* – Din l-għażla tikkodifika l-miżuri tas-Sett ta' Għodod tal-5G. Tintroduċi obbligu biex l-Istati Membri jiżguraw li fl-assi ewlenin tan-network ma jintużawx komponenti miksuba mingħand fornituri b'riskju għoli.

Għażla D.3: *Qafas komprensiv u orizzontali li jindirizza riskji taċ-ċibersigurtà tal-ktajjen tal-provvista tal-ICT* – Din l-għażla tistabbilixxi qafas regolatorju orizzontali, newtrali għat-teknoloġija u għas-settur biex jindirizza r-riskji mhux tekniċi taċ-ċibersigurtà fil-ktajjen tal-provvista tal-ICT.

Wara analiżijiet estensivi, il-pakkett ta' politika ppreferut jinkludi: Għażla A.2 – *Nirrifirmaw il-mandat tal-ENISA*; Għażla B.2 – *Nirrifirmaw l-ECCF billi nirvedu l-proċedura u nwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni ħalli niffaċilitaw is-simplifikazzjoni tal-konformità regolatorja*; u Għażla C.2 – *Intervent immirat – inkompli nissimplifikaw il-konformità mal-qafas leġiżlattiv rilevanti tal-Unjoni dwar iċ-ċibersigurtà*; u Għażla D.3 – *Qafas komprensiv u orizzontali li jindirizza riskji taċ-ċibersigurtà tal-ktajjen tal-provvista tal-ICT*.

Dan il-kombinament joffri rispons bilanċjat sew għall-isfidi ta' politika identifikati, u jtejjeb ferm l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza madwar l-UE.

Impatti ewlenin

Analiżi tal-kostbenefiċċji: It-tranżizzjoni lejn il-qafas regolatorju propost se toħloq kostijiet, kemm għall-ENISA stmati sa EUR 161.3 miljun fuq ħames snin biex tissodisfa l-kompiti l-ġodda tagħha, kif ukoll għall-awtoritajiet pubbliċi fl-UE sa EUR 80 miljun fuq ħames snin għas-superviżjoni (meta jitqies l-iffrankar tal-kostijiet rilevanti). Fir-rigward tan-negożji, tul perjodu ta' tranżizzjoni ta' tliet snin, it-tneħħija gradwali ta' tagħmir speċifiku ta' riskju għoli tista' twassal għal kostijiet annwali ta' EUR 3.4 sa 4.3 biljun għall-operaturi tan-networks mobbli, filwaqt li l-investimenti f'fornituri fdati jistgħu jikbru simultanjament sa 2 biljun fis-sena. Barra minn hekk, it-tnaqqis u s-simplifikazzjoni tal-obbligi tal-konformità mistennija jwasslu għal iffrankar sa EUR 14.6 biljun fil-kostijiet tan-negożji. Barra minn hekk, it-titjib tal-pożizzjoni ċibernetika u tas-sovranià teknoloġika ġenerali tal-UE u l-istimulazzjoni tal-innovazzjoni u tal-kompetittività huma ta' benefiċċju sinifikanti għaċ-ċittadini, għall-awtoritajiet pubbliċi u għan-negożji, u dawn fit-tul mistennija jikkumpensaw fil-biċċa l-kbira għall-infiq inizjali.

Il-kompetittività: L-għażliet ippreferuti jnaqqsu l-frammentazzjoni tas-suq u jarmonizzaw ir-regolamenti, u għalhekk itejbu l-ugwaljanza kompetittiva fl-UE u jipprovdu perkorsi aktar ċari lin-negożji għall-konformità u l-innovazzjoni.

Kontroll tal-konsistenza klimatika: Il-valutazzjoni qieset l-impatt ambjentali potenzjali ta' kull għażla. Ingħatat attenzjoni partikolari lill-effiċjenza enerġetika, l-emissjonijiet relatati mal-ivvjaġġar u l-konsolidazzjoni tal-infrastruttura. L-Għażliet Ippreferuti A.2, B.2 u C.2

għandhom impatt ambjentali limitat, filwaqt li D.3 tirrappreżenta n-newtralità ambjentali, meta wieħed iqis iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott u l-perjodi tat-tranżizzjoni għas-sostituzzjoni tal-assi ewlenin. Dan jaqbel mal-impenn tal-UE għas-sostenibbiltà.

Diġitali b'mod awtomatiku: L-enfasi fuq proċessi diġitali simplifikati turi l-impenn tal-UE għal approċċ “diġitali l-ewwel”, li jiżgura skambju tad-data u teħid tad-deċiżjonijiet aktar malajr u affidabbli. L-Għażla D.3 jaf tħalli impatt qawwi wkoll fuq id-diġitalizzazzjoni għax din tkun tinvolvi s-sostituzzjoni tal-komponenti li jinkisbu mingħand entitajiet stabbiliti f’pajjiżi terzi jew ikkontrollati minnhom li jippreżentaw tħassib dwar iċ-ċibersigurtà.

Simplifikazzjoni u tnaqqis tal-piżijiet L-għażliet ippreferuti jgħinu għas-simplifikazzjoni għax jintroduċu kjarifiki tal-kamp ta’ applikazzjoni u jdaħħlu miżuri biex jissimplifikaw il-konformità u s-superviżjoni u jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi. Dawn iħaddmu l-prinċipju “one-in, one-out” billi jiżguraw li l-obbligi l-ġodda jiġu kontrobalanċjati bi tnaqqis band’oħra.

Konklużjoni

Din il-valutazzjoni tal-impatt tippreżenta strateġija komprensiva li ssaħħaħ iċ-ċibersigurtà tal-UE, tindirizza ineffiċjenzi regolatorji, u tħejji x-xenarju diġitali għall-isfidi futuri. Din tirrakkomanda approċċ kollaborattiv u koeżiv, li jsejjes ir-riformi ta’ politika fl-oqfsa eżistenti filwaqt li jadatta għal realtajiet teknoloġiċi ġodda. B’dawn il-miżuri, l-UE għandha l-għan li tiżgura ekonomija diġitali reżiljenti, kompetittiva u sostenibbli.